# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 30 ta' Novembru 2016

Rikors Guramentat Nru. 249 / 06RGM

Kawza fil-lista: 17

**A *sive* B C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Il-kontendenti zzewgu fil-16 ta' Jannar 1985 u minn dan iz-zwieg kellhom tifel jismu Luke illi llum ghandu sbatax-il sena ;

2. Il-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti ma ghadhiex aktar possibli minhabba li l-konvenut intimat rrenda ruhu hati lejn martu l-attrici rikorrenti ta' adulterju, swat, theddid, sevizzi, eccessi, ingurji gravi u ragunijiet ohra serji, kif ukoll minhabba inkompatibilita ta' karattru ;

3. Il-kontendenti sseparaw de facto fit-2 ta' Jannar 2006 wara illi l-konvenut intimat abbanduna lill-familja tieghu u d-dar matrimonjali;

4. L-attrici rikorrenti talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega sabiex tipprocedi f'dina l-istanza kontra zewgha ghas-separazzjoni personali wara li nghalqet il-medjazzjoni 506/06RFV .

Jghid ghalhekk l-istess konvenut intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi C minhabba li l-konvenut intimat rrenda ruhu hati lejn martu 1-attrici rikorrenti ta' adulterju, swat, theddid, sevizzi, eccessi, ingurji gravi u ragunijiet ohra serji, kif ukoll minhabba inkompatibilita ta' karattru.

2. Tikkundanna lill-konvenut intimat sabiex ihallas lill-attrici rikorrenti dik ir-retta alimentarja skont il-ligi b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja, u ordni tal-hlas dirett mill-paga tal-konvenut, li ghandhom jigu ffissati minn din il-Qorti.

3. Tapplika in toto jew in parte kontra l-konvenut l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida bl-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u billi wkoll tigi stabbilita data li minn dakinhar il-konvenut jitqies li ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tal-attrici intimata, u dan kollu okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

5. Tawtorizza lill-attrici rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha Lungaro.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ntimat, inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 108/06TM, mandat ta' qbid numru 107/06TM, mandat ta' sekwestru numru 106/06 TM, li jinsab minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi l-esponent jaqbel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti izda mhux ghar-ragunijiet moghtija mill-attrici u ghalhekk qieghed jipprocedi permezz tas-segwenti kontrotalba;

2. Illi ghat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg hija responsabbli l-attrici li rrendiet ruhha hatja ta' adulterju, eccessi, sevizzi, minaccji u ingurji gravi kontra I-esponent kif ser jirrizulta ahjar waqt is-smiegh tal-kawza;

3. Illi l-esponent jichad li huwa abbanduna l-familja u d-dar matrimonjali u dan stante li kienet ir-rikorrent li riedet li l-partijiet jghixu separatament ghal perijodu ta' sitt (6) xhur sabiex jitrangaw il-problemi matrimonjali ta' bejniethom;

4. Illi l-esponenti qed jopponi ghat-talba ta' martu li tigi akkordata manteniment ghaliha u dan peress li hija r-rikorrenti li hija hatja ghal ksur taz-zwieg ta' bejn il-partijiet, ir-rikorrenti tahdem, dejjem hadmet u sussidarjament peress li r-rikorrenti tahdem u hija kapaci tmanti lilha innifisha;

5. Illi t-tielet talba tar-rikors promotur ghandha tigi michuda peress li l-esponent ma huwiex hati tal-ksur taz-zwieg ta' bejn il-kontendenti u ghalhekk ma ghandux ibaghati s-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi;

6. Illi b' referenza ghar-raba' talba l-esponent jiddikjara li jaqbel li tigi xolta u likwidata l-kommunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet. Illi l-esponenti ma jaqbilx li huwa iddekada minn xi porzjon tal-komunjoni tal-akkwisti peress li huwa ma huwiex hati tal-ksur ta' dan iz-zwieg;

7. Illi l-esponenti ma jopponiex ghat-talba tar-rikorrenti li tigi awtorizzata tirriverti ghal kunjom xbubitha Lungaro;

8. Illi l-esponenti ma ghandux ibati ebda spejjez ghal din il-procedura.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi l-intimat D C jixtieq jipprevalixxi ruhu mid-dritt tal-kontrotalba;

2. Illi l-kontendenti zzewgu fis-sittax (16) ta' Jannar tas-sena elf disa mija u hamsa u tmenin (1985) u minn dan iz-zwieg twieled tifel, Luke li illum ghandu sbatax (17) il-sena;

3. Illi r-rikorrenti irrendiet ruhha hatja fil-konfront tal-intimat zewgha ta' adulterju, eccessi, sevizzi, minaccji u ingurji gravi u htija ta' dan il-hajja konjugali ta' bejniethom m' ghadhiex aktar possibli;

4. Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personali mil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u l-intimat gie b' effett ta' l-istess digriet u bl-operazzjoni ta' Artikolu 37(3) tal-Kodici Civili huwa wkoll intitolat jipprezenta l-kontro-talba;

Ghaldaqstant l-esponenti qed jitlob lil dina l-Onorabbll Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tippronunzja u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijet gravi u tortijiet imputabbli lir-rikorrenti A C rikonvenuta, fosthom adulterju, eccessi, sevizzji, minacci u ingurji gravi u ukoll ghaliex z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment;

2. Tikkundanna lir-rikorrenti rikonvenjonata sabiex thallas manteniment lil esponent skont il-ligi b' dawk il-modalitajiet li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi;

3. Ixxolji, tittermina u tillikwida l-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet b' dan li tigi stabilita data li minn dakinhar A C titqies li ddekadiet minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tal-esponent D C, u dan prevja n-nomina ta' periti nominandi sabiex jistmaw il-propjeta' mobbli u immobli formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u bin-nomina ta' nutar biex jippubblika l-att opportun u kuratur biex jirraprezenta l-kontumacji fuq l-istess att;

4. Tillikwida l-assi parafernali tal-esponent D C u tassenjahom lill-istess D C;

5. Tapplika kontra ir-rikorrenti A C rikonvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fid-dispozizzjonijiet ta' l-Artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti rikonvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Frar 2007 fejn il-Qorti nnominat lill-Avukat Noel Bartolo bhala Perit Legali;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Gunju 2009 fejn il-Qorti nnominat lill-AIC Mario Cassar bhala Perit Tekniku;

Rat is-sentenza in parte taghha tal-21 ta' Marzu 2013, li in forza taghha l-azzjoni ghal separazzjoni personali giet mibdula f'talba ghal pronunzjament ta' divorzju ai termini tal-Artiklu 66F tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza in parte taghha tal-15 ta' Lulju 2014, li permezz taghha ordnat il-waqfien tal-Komunjoni tal-Akkwisti ta' bejn il-partijiet ai termini tal-Artiklu 55 tal-Kap 16.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku l-AIC Mario Cassaripprezentat fl-24 ta' Jannar 2013.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr Noel Bartolo ipprezentat fl-20 ta' Ottubru 2015 u mahluf fil-25 ta' Jannar 2016.

Rat id-domandi bil-miktub maghmula mill-partijiet in eskussjoni tal-Perit Legali Dr Noel Bartolo u r-risposti bil-miktub tieghu.

Rat li ghalkemm waqt l-udjenza tat-30 ta' Gunju 2016, tat lill-partijiet il-fakulta` li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet ulterjuri, dawn ma gewx ipprezentati.

Rat u ezaminat ix-xhieda, d-dokumenti u l-atti kollha tal-kaz, inkluz dawk migbura quddiem il-Perit Legali.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

**L-AZZJONI**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob li din il-Qorti tiddikjara d-divorzju bejn il-partijiet, stante li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment b'tort attribwibbli lill-konvenut; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghad-divorzju.

Minn naha tieghu l-konvenut permezz ta' kontro-talba jattribwixxi t-tort tal-firda esklussivament lill-attrici.

**PROVI**

*Verzjoni tal-Attrici*

L-attrici tattribwixxi l-htija tat-tmiem taz-zwieg taghhom ghall-konvenut u tghid li huwa rrenda ruhu hati ta' adulterju iktar minn darba, u dan sa mill-bidu nett taz-zwieg. Tispjega li fin-1994 beda relazzjoni ma' certa A Mifsud, relazzjoni li skont l-attrici hi ammessa mill-istess A Mifsud u li dwarha hemm provi fosthom id-diversi telefonati fuq it-telefon tal-konvenut. Fit-2005 beda relazzjoni ma' mara ohra bl-isem ta' Pauline Pace. Relazzjoni li l-attrici tghid tirrizulta ampjament ppruvata b'diversi provi fosthom li hu jkun bil-vettura li kienet taghha. L-attrici ssostni wkoll li l-konvenut hu hati ta' vjolenza fizika u fl-affidavit taghha ssemmi

diversi episodji fosthom meta dahal fil-kamra tal-banju warajha u pprova jifgaha, jew meta taha daqqa ta' hadida tal-mghodija. Tallega wkoll li zewgha hu hati ta' vjolenza psikologika meta huwa kien kostantement jinsulentaha u jiddenegraha b'aggettivi bhal 'injoranta', 'mignuna' etc, kif ukoll theddid. L-attrici tghid li l-konvenut kien spiss isawwat ukoll lill-binhom Luke. Tghid ukoll li fit-2006 il-konvenut telaq mid-dar.

Permezz ta' nota a fol 63 et seq tal-process l-attrici esebiet l-affidavits taghha, ta' Mildred Marmara, Doris Sammut, Ruth Mifsud u Maria Theresa Bugeja.

Fl-affidavit taghha l-attrici tghid fost affarijiet ohra tghid li mill-bidu taz-zwieg kien hemm problema ta' vjolenza da parti ta' zewgha imma hi dejjem baqghet siekta ghax tibza minnu, ghax hu jigdeb u ghax baqghet tittama li se jirranga. Hija telenka episodji specifici ta' vjolenza a fol 65. Hija tghid li fl-1986 iz-ziju taghha kien mar jghid lil ommha li ra lill-konvenut fil-karozza ma’ mara ohra. FI-1994 beda relazzjoni adultera ma' A Mifsud li kienet tahdem mieghu. Hija bdiet tissuspetta ghax kien beda johrog spiss u darba minnhom indunat mill-kont tal-mobile tieghu li kien qed ikun hemm calls lejn numru partikolari ta’ spiss u meta cemplet tali numru irrizulta li kien ta' l-istess A Mifsud li meta giet ikkonfrontata fuq it-telefon infaqghet tibki u qaltilha 'sorry'. Hija tghid li kienet baqghet ma’ zewgha unikament ghat-tifel Luke.

Fl-2005 il-konvenut introducielha koppja li z-zwieg taghhom kien qieghed jitfarrak sabiex jghinuhom. Dawn kienu Anton u Pauline Pace. Huwa kien jafhom ghax kien habib ma’ Anton Pace. Hija bdiet tinnota kunfidenzi zejda minn naha ta' zewgha ma’ din Pauline u ffaccjatu mill-ewwel izda hu cahad kollox. Meta mbaghad f'Jannar 2006 hu telaq mid-dar, hi kkonfermat li kien qieghed ma’ Pauline ghaliex ratu maghha, u ghax habiba taghha Doris Sammut rathom fil-karozza flimkien; u habiba ohra taghha Mildred Marmara' rathom jiehdu drink. Tghid ukoll li ghal xi zmien il-konvenut kien isuq Toyota Hilux PRC 333 li kienet registrata f'isem Pauline Pace.

Meta zzewgu t-tnejn kienu jahdmu full-time. Hija tahdem quality inspector mal-Playmobil u l-konvenut jahdem mat-Tax Compliance Unit. Dan apparti d-dhul mill- kera tal-fond Pinky's Nail Studio, kirjiet ohra u Lm 10,000 f'bonds. A fol 70 et seq tal-process l-attrici telenka dak li skont hi jifforma l-komunjoni tal-akkwisti u dak li hu parafernali.

Fl-affidavits taghhom Mildred Marmara u Doris Sammut jikkonfermaw illi raw lill-konvenut ma' mara ohra. Ix-xhieda Ruth Mifsud u Maria Theresa Bugeja minn naha l-ohra jikkonfermaw kemm l-attrici kienet tiehu hsieb liz-ziju tal-konvenut Bertu C.

*Verzjoni tal-Konvenut*

Il-konvenut isostni li t-tort tat-tifrik taz-zwieg huwa purament tal-attrici. Jghid li ghalkemm l-attrici tallega li huwa kellu relazzjoni ma’ numru ta' nisa hija naqset milli ggib l-ahjar prova u cioe l-persuni nfushom imma strahet fuq l-affidavit taghha stess. Dwar l-ittra anonima jghid li setghet kitbitha l-attrici stess, dwar il-vettura li kien isuq jghid li dik kienet ta' huh li xtraha minghand Pauline Pace u di piu l-attrici qalet ukoll li l-konvenut anke ghandu tarbija ohra minghajr ma gabet provi ta' dan. Huwa jghid ukoll illi l-ex ragel ta' Pauline Pace, Anton Pace, jikkonferma fl-affidavit tieghu li l-konvenut qatt ma kellu relazzjoni mal-ex martu.

Dwar it-tfel jghid li hadd mill-partijiet ma tella' lit-tifel b'xhud u ghalhekk kull haga li l-attrici qalet fir-rigward tat-tifel hija biss allegazzjoni mhux pruvata u michuda mill-konvenut. Il-konvenut jghid li huwa ghandu relazzjoni tajba ma' ibnu.

Dwar l-allegazzjonijiet l-ohra ta' swat, vjolenza etc, l-konvenut jghid li lanqas hawn ma ngabet ebda prova per ezempju bhal rapporti tal-pulizija jew certifikati medici. Jghid illi wara li l-konvenut wiret lill-zijuh huma kienu marru diversi btajjel fosthom Wales, l-lngilterra, Dubai, l-Ungerija, Tunis u l-Olanda. Kienu marru wkoll l-Amerika. Di piu l-attrici kienet tghix hajja lussuza b'hafna liberta fejn kienet tohrog spiss wahedha u anke siefret wahidha. Hija kienet tonfoq hafna flus ukoll fuq id-dehra taghha fosthom hairdressers u trattamenti ghal tanning artificjali. Dawn juru li mhux veru l-konvenut kien jezercita hafna kontroll fuq l-attrici.

Jghid li l-problemi matrimonjali hargu fil-berah meta huwa wiret lil zijuh. Zijuh miet fl-2003. Huwa minnu li hu telaq mid-dar fit-2006, pero dan sar bi qbil bejn il-partijiet. L-attrici kienet tghidlu li peress li d-dar konjugali kienet parafernali taghha allura setghet tkeccieh.

Il-konvenut jghid li rnexxielu jgib prova li l-attrici kellha relazzjoni ma' Fred Edward Pressnall li huwa harrek bhala xhud. Jghid li ltaqa` ma' dan Presnall mieghu fil-presenza tal-attrici diversi drabi f’postijiet ta' divertiment - darba minnhom meta kienu weekend break gol-Lukanda Corinthia San Gorg u darb'ohra go restaurant ir-Rabat. L-investigatur tal-konvenut ukoll xehed li ra lill- attrici ma’ dan Presnall, diehla u hierga mill-appartament tieghu u tbusu qabel tidhol fil-karozza taghha. Kien ikun spiss u hinijiet twal fid-dar konjugali fejn tghix l-attrici, kien johrog idur bil-kelb kuljum u anke akkumpanja lill-attrici f ricevimenti tal-familja.

Permezz ta' Nota a fol 89 et seq tal-process il-konvenut esebixxa affidavits ta' Anton Pace u Alexander C. Anton Pace jghid li hu habib tal- kontendenti. Huwa u martu Pauline, li llum huwa separata minn maghha, kienu spiss imorru ghand il-partijiet flimkien ma' hbieb ohra fil-post taghhom go Burmarrad. Huwa jghid li l-attrici kienet cemplitlu u anke ltaqet mieghu biex tghidlu li skont hi l-konvenut kien qed imur ma' martu Pauline izda x-xhud jghid li hu moralment konvint li dawn l-affarijiet ma grawx.

Permezz ta' Nota a fol 92 tal-process il-konvenut esebixxa affidavits ta' Carmen Vassallo, Jason C, Angelo C u tieghu stess. Carmen Vassallo tghid li hi kienet tkun ghand il-partijiet ma' hbieb ohra u qatt ma rat ghajn hazina mill-konvenut. Tghid li anke siefru flimkien. Jason C jigi hu l-konvenut u bazikament jghid li kemm-il darba l-attrici keccietu mid-dar u huwa kien jghinu jgib il-hwejjeg. Angelo C, missier il-konvenut jghid fost affarijiet ohra, li lill-konvenut qatt ma rah isawwat lit-tifel. Jghid ukoll li liz-ziju Bertu dejjem il-konvenut ha hsiebu.

Fl-affidavit tieghu a fol 97 et seq il-konvenut jghid li qabel ma fethet il-medjazzjoni martu gibdet Lm 14,000 mill-Borza u Lm 11,000 mill-kont taghha. Jghid li martu kienet tikkontrollah u tghir ghalih. Jghid li meta f Jannar 2006 gew lura minn btala flimkien go l-Ungerija, l-attrici qaltlu li trid 6 xhur break u bdiet iccempel habiba taghha biex johorgu Paceville. Hu ppakkja xi hwejjeg u mar jghix fi proprjeta parafernali tieghu go Burmarrad. Jghid li huma kienu jghixu fl-istess dar m'ommha.

Jiddeskrivi lil martu bhala wahda li taghmel sieghat twal quddiem il-mera, u tmur regolarment ghand il-hairdresser, beautician, dwiefer u tilbes tal-ahhar moda. Tixtri beauty creams, zraben, basktijiet, tmur SPA u massaggi u sun tan artificjali. Jghid li martu kienet tikkawzalu hafna stress u x'hin telaq mid-dar strah. X'hin jidhol id-dar jibdew l-argumenti, issajjar biss fast food u kif ikollhom xi jghidu tarmilu l-ikel u kien jorqod bil-guh. Jirrakkonta episodju fejn darba tefghatlu tea bag u te jahraq ghal wiccu u darb'ohra borma mishun u kellu jaghmel rapport.

Huwa jichad li sawwat lill-binhom Luke u jghid li kien izommlu d-dixxiplina. Jghid li t-tifel huwa ferriehi u normali. Jghid li l-fatt li martu allegat li hu kellu tifel minn haddiehor hija gidba u tammonta ghal malafama u fiha nnifisha turi nuqqas ta' rispett lejn binhom innifsu. Jghid li darba minnhom giet xi 3am thabbatlu d-dar fejn kien qed joqghod u wara li fethilha dahlet god-dar tfittex u tqalleb u wara li sabet li kien wahdu harget il-barra rrabjata. Jghid li marret diversi drabi ghal gharrieda fil-proprjeta tieghu.

Waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali tat-3 ta' Mejju 2010, jixhdu D Cardona u Christopher Peat fit-3 ta' Mejju 2009 fil-11.00 am waqt li kienu mal-konvenut gewwa r-Rabat jiehdu cafe, fil-pront raw il-mara tal-konvenut ma' ragel iehor u x'hin il-konvenut beda jipprova johdilha r-ritratti hi ma haditx gost u ppruvat tohodlu l-mobile mbaghad telqet 'l hemm.

D Cardona imtella mill-konvenut jghid illi fit-3/5/09 fil-11.00 am waqt li kien mal-konvenut u habib iehor Christopher Peat, gewwa r-Rabat jiehdu café, fil-pront raw il-mara tal-konvenut ma' ragel iehor u x'hin il-konvenut beda jipprova johdilha r-ritratti hi ma haditx gost u ppruvat tohodlu l-mobile mbaghad telqet l-hemm. Christopher Peat ikkonferma l-istess incident.

Xehed ukoll Jonathan Mulligan li huwa *investigator* imetlla mill-konvenut. Dan beda jsegwiha f'Jannar 2009 ghal circa xahar u mill-anqas 3 darbiet ra fil-kumpanija ta' ragel iwassalha bil-karozza minn fejn jghix hu f'Bacir Street u esebixxa JM 1 u JM 2. F'wiehed mill-filmati jidher dan ir-ragel qed ibus lill-attrici. Dan ir-ragel jismu Thomas Farrugia.

Xehed ukoll Fred Edward Pressmall imtella mill-konvenut li mistoqsi dwar ir-relazzjoni tieghu mal-attrici jghid li hija wahda ta' hbiberija. Ilu jafha mill-2007 u gieli ltaqghu kemm id-dar taghha u anke barra fejn hi kienet iddawru madwar Malta ghax hu barrani. Jighid li fl-2009 kellu incident mal-konvenut fejn hu kien mal-attrici r-Rabat u kienu sejrin f'restaurant u gie l-konvenut bil-mobile ma' wiccu. L-attrici u l-konvenut gew f'argument li sahan sakemm l-attrici telqet mal-istess xhud. Huma jiltaqghu darbtejn fil-gimgha u jmorru jghumu, jimxu, jieklu barra flimkien. Meta johorgu jkunu wahedhom ghax hu m'ghandux hbieb. Iltaqghu b'chat. L-attrici gieli marret id-dar ghandu. Darba minnhom inqala incident iehor fejn hu kien f'hotel mal-konvenuta u nzerta kien hemm ukoll il-konvenut li pprova johdilhom video. Dwar il-bewsa jghid li hija bewsa ta' hbiberija.

## PROVVEDIMENTI LEGALI APPLIKABBLI GHALL-KAZ

Issir referenza ghall-artikoli tal-ligi l-aktar rilevanti ghall-kaz in ezami:-

**Artikolu 3 tal-Kap. 16**:

*'Il-partijiet fiż-żwieġ għandhom l-obbligu, kull waħda minnhom skont il-mezzi u l-ħila tagħhom, li jaħdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinħtieġu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu għall-ħtiġiet tal-familja.'*

**Artikolu 38 tal-Kap. 16**:

*'Kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra'.*

**Artikolu 40 tal-Kap. 16**:

*'Kull wahda mill-persuni mizzewgin flimkien tista' titlob il-firda minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi tal-parti l-ohra kontra l-attur, jew kontra xi wiehed jew iehor mit-tfal tieghu, jew minhabba li l-hajja flimkien ma tkunx ghadha possibbli ghax iz-zwieg ikun tkisser irremedjabilment.'*

**Artikolu 44 tal-Kap**:

*'Il-fatt li ikun hemm ragunijiet li ghalihom sew ir-ragel kemm il-mara jistghu jitolbu l-firda, mhux ta' xkiel ghall-wiehed jew ghall-ohra li jitolbu il-firda kontra xulxin.'*

**Artikolu 48 tal-Kap 16**:

*(1) Il-parti, ir-ragel jew il-mara, illi tkun hatja tal-firda ghal wahda mir-ragunijiet msemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef-*
*(a) il-jeddijiet msemmijin fl-artikoli 631,633, 825,826 u 827[1];*
*(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-ohra b'donazzjoni bi hsieb taz-zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratuwitu;*
*(c) kull jedd ta' parti mizzewga ghan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-qorti bhala d-data meta l-parti ghandha tkun kunsidrata li minnha tkun hatja tal-firda. Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jigi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-hidma ta' wahda mill-partijiet fiz-zwieg, ghandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewg partijiet skont l-artikolu 3;*
*(d) il-jedd li iggieghel lill-parti l-ohra, f'kull kas, li tatiha l-manteniment bis-sahha tal-obbligu li jitnissel miz-zwieg.*

*(2) Il-hwejjeg imsemmijin fis-subartikolu (1)(b) jergghu jmorru ghand il-parti l-ohra, u l-akkwisti imsemmijin fil-paragrfu (c) ta' dak is-subartikolu jibqghu*

1 Artikoli 825, 826 u 827 gew imhassra bl-Att XVIII.2004.86

*kollha ghal din il-parti, bla hsara tal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni ohra jkunu kisbu fuq dawk l-istess hwejjeg qabel ma is-sentenza tal-firda tkun giet imniizzla fir-Registru Pubbliku.'*

**Artiklu 51 tal-Kap 16**:

*'Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijietimsemmijin fl-*artikolu 40, *tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ,għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu. '*

**Artiklu 52 tal-Kap 16**:

*'Hu mħolli wkoll f'idejn il-qorti li tiddeċidi, skont iċ-ċirkostanzi, jekk id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 għandhomxigħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għalwieħed jew għall-oħra biss, inkella, m'għandhomx igħoddu għalħadd minnhom, jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħtija ta' egħmil lijagħti lok għall-firda.'*

**Artikolu 55A tal-Kap. 16**:

*(1) Meta taghti s-sentenza tal-firda, il-qorti ghandha, fuq talba ta' xi wahda millpartijiet, tordna skont ic-cirkostanzi:*
*(a) li xi parti minnhom ghandha toqghod fid-dar taz-zwieg, ad eskluzjoni tal-parti l-ohra, u ghal dak il-perjodu u taht dawk il-kondizzjonijiet li l-qorti jidhrilha xierqa;*
*(b) li d-dar taż-żwieġ għandha tinbiegħ, fejn tkun sodisfatta illi ż-żewġ partijiet u uliedhom ser ikollhom akkomodazzjoni oħra xierqa, u li r-*rikavat tal-*bejgħ għandu jiġi assenjat lill-*partijiet *kif il-qorti jidhrilha xieraq; jew*
*(ċ) fejn id-dar taż-żwieġ tkun tappartjeni liż-żewġ partijiet, li tassenja d-dar taż-żwieġ lil xi parti minnhom, liema parti jkollha tikkumpensa lill-*parti *l-oħra għat-telf finanzjarju soffert:*
*Iżda f'kull każ, il-qorti għandha tqis dan li ġej: (a) l-aħjar interess tal-*ulied *minuri, inkluż l-impatt li jista' jkun hemm fuq l-*ulied *minuri jekk tilqa' talba magħmula skont dan l-*artikolu; (b) *il-ġid tal-*partijiet *u tal-ulied; u (ċ) jekk il-partijiet għandhomx, jew jekk bil-*mezzi *u l- ħiliet tagħhom jistax ikollhom, post ieħor fejn jgħixu.*

*(2) Il-qorti tista', fuq talba ta' waħda mill-*partijiet, *tibdel deċiżjoni meħuda minnha skont l-artikolu (1)(a), fejn ikun hemm tibdil sostanzjali fiċ-ċirkostanzi.*

**GURISPRUDENZA**

Fil-kawza fl-ismijiet **Caterina Agius vs Benedict Agius** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju 1967 gie enuncjat li l-Ligi tqieghed bhala motiv illi jiggustifikaw l-azzjoni ta' separazzjoni personali, l-episodji saljenti tal-hajja konjugali, u mhux incidenti minuri.

Fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Mejju 1925 gie stabbilit illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi pprovata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza impossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet.

Rigward l-adulterju bhala kawza tas-separazzjoni personali, din il-Qorti tosserva illi kif gie diversi drabi ripetut mill-Qrati taghna, huwa difficli hafna li wiehed igib prova definittiva illi sar l-adulterju, u stante s-serjeta` tal-akkuza, min qieghed jallega l-adulterju jrid jipprova dan permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, li jridu jkunu precizi, gravi, konkordanti u univoci biex b'hekk ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika [vide per ez App. **A Bartolo vs D Bartolo** deciza fit-30 ta' Settembru 2011].

**Ikkunsidrat:**

**<u>HTIJA GHAT-TKISSIR TAZ-ZWIEG</u>**

Indubbjament iz-zwieg tal-partijiet illum tkisser irremedjabbilment. Skont l-abbli Perit Legali, ghat-tkissir ta' dan iz-zwieg jahtu z-zewg partijiet b'mod ugwali in kwantu l-komportament taz-zewg partijiet fil-konfront ta' xulxin jammonta ghal sevizzi u ingurji gravi reciproci.

Mill-kumpless tal-provi prodotti mill-partijiet jirrizulta illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet kien ilu s-snin ghaddej minn diffikultajiet serji. Il-Qorti hi tal-fehma li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrevokabbilment tort tal-imgieba taghhom fil-konfront ta' xulxin, li rrendiet impossibbli l-konvivenza matrimonjali. Dan il-komportament jikkostitwixxi 'sevizzi' u 'ingurji gravi'.

L-attrici taddebita lill-konvenut numru ta' relazzjonijiet extra-maritali, inkluz li ghandu tarbija minn mara ohra, liema allegazzjonijiet fil-fehma tal-Qorti ma gewx sostanzjati. L-akkuza ta' adulterju li ma tigiex sostanzjata minnha nnifisha tammonta ghal ingurja gravi. Jirrizulta illi l-attrici kienet tipprova tiddomina lill-konvenut inkluz dwar il-fatt li d-dar matrimonjali kienet proprjeta' parafernali taghha. Gie ppruvat li kien hemm okkazzjonijiet fejn lill-konvenut keccietu mid-

dar matrimonjali. Ezaminat il-komportament tal-attrici fil-konfront tal-konvenut il-Qorti tikkonkludi illi l-akkuzi ta’ adulterju mhux sostanzjati u l-agir taghha fil-konfront tal-konvenut ikkontribwixxa ghat-tkissier taz-zwieg tal-partijiet.

Fir-rigward tal-agir u komportament tal-konvenut, l-attrici ma rnexxiliex tipprova li l-konvenut ikkommetta adulterju. Dwar l-allegazzjonijiet ta’ l-attrici li l-konvenut kien fizikament vjolenti maghha, il-Qorti tosserva li dan l-agir ma giex issostanzjat. Ma ngabu ebda provi li jistghu jikkonfermaw din l-allegazzjoni sal-grad rikjest mill-ligi, u l-attrici stess tghid fl-affidavit taghha a fol 64 illi kien biss meta bdiet dawn il-proceduri li bdiet taghmel rapporti mal-Pulizija.

Min-naha l-ohra l-akkuzi tal-konvenut fil-konfront ta’ martu li din kien mohhha fit-trattamenti tas-sbuhija u li ma kinitx issajjar u taqdi dmirijietha ma gewx sodisfacentement ippruvati. Huwa evidenti illi ma kienx hemm la minn naha u lanqas minn ohra tentattiv serju u genwin sabiex l-affarijiet jitrangaw, anzi baqghu sejrin ghall-aghar minghajr hadd mill-partijiet ma jipprova jiehu passi rimedjali sabiex ir-relazzjoni matrimonjali tigi salvagwardjata u salvata.

Dwar l-allegazzjonijiet ta’ adulterju reciproku mill-partijiet kontra xulxin, din il-Qorti taqbel mal-abbli Perit Legali illi dawn ma gewx sostanzjati minn ebda mill-partijiet. L-assjem tal-provi prodotti miz-zewg nahat, ma jistax jikkostitwixxi prova sodisfacenti ta' relazzjoni extra-maritali. Inoltre, din il-Qorti tirrileva li fix-xhieda tieghu quddiemha tat-13 ta' Mejju 2010, il-konvenut jichad li kellu relazzjoni intima ma' mara ohra, waqt li Edward Presnall li skont il-konvenut ghadu relazzjoni ma' martu, waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali tal-14 ta' Frar 2011 xehed illi r-relazzjoni taghhom hija unikament wahda ta' hbiberija u jekk kien hemm xi bewsa din kienet wahda ta' hbieb. Lanqas ir-rapport u x-xhieda tal-private investigator imqabbad mill-konvenut Jonathan Mulligan ma hija konklussiva fis-sens illi ma tohloqx prova b'sahhitha bizzejjed sal-grad rikjest mil-ligi.

Skont il-gurisprudenza su-citata, ghalkemm ma hijiex necessarja t-testimonjanza *de visu*, jehtiegu indizju gravi, precizi u konkordati, u fil-kaz odjern din il-Qorti ma tirriskontrax provi sufficjenti li thalli fil-gudikant dak il-konvinciment morali necessarju li tassew kien hemm adulterju, la minn parti u lanqas minn ohra.

Maghdud dan, ghalkemm l-adulterju ma giex ippruvat, jinghad illi l-hbiberiji zejda tal-partijiet ma' terzi persuni jikkostitwixxu ingurji gravi fil-konfront ta' xulxin.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser

irrimedjabbilment tort taz-zewg partijiet li, bil-komportament taghhom reciproku, rrendew impossibbli l-konvivenza matrimonjali. Ghaldaqstant iz-zewg partijiet ghandhom jinzammu ugwalment responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg taghhom, u s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artiklu 48 tal-Kap 16 qed jigi applikati fil-konfront taz-zewg partijiet skont kif kull parti talbet fic-citazzjoni u fil-kontro-talba.

**MANTENIMENT**

Il-Qorti tinnota illi in kwantu iben il-partijiet huwa maggorenni, ma hemmx kwistjonijiet ta' kura u kustodja u access x'jigi deciz.

Rigward manteniment ghal binhom jirrizulta mix-xhieda mhux kontradetta tal-konvenut, li t-tifel, li sar maggorenni madwar sitt xhur wara li gew prezentati l-odjerni proceduri, kien diga` jahdem full-time, u ghalhekk din il-Qorti ma tqisx bhala fondata it-talba tal-attrici ghall-hlas ta' manteniment ghat-tifel sakemm dan sar maggorenni. B'dan il-gudizzju qed jigi b'hekk deciz ukoll ir-rikors tal-attrici datat 31 ta' Lulju 2006.

Fir-rigward tat-talba ghal manteniment reciproku maghmula miz-zewg partijiet kontra xulxin, din il-Qorti tirrileva li mill-provi rrizulta li z-zewg partijiet jahdmu u ghandhom introjtu adegwat. Inoltre, in vista tad-decizjoni taghha dwar il-htija taz-zewg partijiet ghat-tkissir taz-zwieg, kif ukoll tal-konsegwenti applikazzjoni tal-Artiklu 48 tal-Kap 16 kontra z-zewg partijiet, it-talba taghhom ghal manteniment qeghdha tigi michuda.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Illi f' dan ir-rigward il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghas-sentenza in parte taghha tal-15 ta' Lulju 2014, li permezz taghha tterminat il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, tipprovdi kif gej:

IMMOBBLI

**Porzjon art ta' 576mk fil-kontrada Tal-Labrin, sive ta' Wied Qannotta, limiti ta' Burmarrad**

Mill-atti jirrizulta li din il-porzjon art giet akkwistata mill-partijiet fiz-zwieg b'kuntratt tal-11 ta' Settembru 2001 fl-atti tan-Nutar Dr Anthony Galea. Fir-rapport tieghu, il-Perit Tekniku Mario Cassar jivvaluta din l-art ghall-prezz ta' €7000. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, l-attrici taqbel illi l-art ghandha tigi assenjata lill-konvenut, b'dan illi hija tithallas sehemha mill-valur tal-art, ossia €3500. Il-Perit Tekniku jivvaluta wkoll il-benefikati li saru fuq l-istess art fl-

ammont ta' €650. Jirrizulta, anke abbazi tal-kuntratt li l-konvenut ghamel mal-Marsovin (fol 126), illi dawn l-ispejjez kienu a karigu tieghu, u ghalhekk saru minn flus tal-komunjoni. Ghalhekk l-attrici jmissha €325 rapprezentanti sehemha mill-istess benefikati.

L-imsemmija porzjon art ghandha ghalhekk tigi assenjata lill-konvenut, b'dan illi huwa ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta' €3825.

**Porzjoni art ta' 28mk akkwistat mill-partijiet fis-7 ta' April 1999 in atti tan-Nutar Vincent Miceli**

Il-Perit Tekniku jistma din il-porzjon art fil-valur ta' €1000. L-attrici tissottometti illi din l-art tista` tigi assenjata lill-konvenut b'dan illi hi tithallas sehemha.

Il-Qorti qeghdha tassenja tali porzjon art lill-konvenut, li ghandu jhallas is-somma ta' €500 lill-attrici rapprezentanti sehemha mill-istess art.

**Il-fond 'Paddock', Triq id-Dwieli, Burmarrad**

Rigward dan il-fond jezisti qbil bejn il-partijiet illi filwaqt li l-art hija parafernali tal-konvenut, il-benefikati saru fiz-zwieg. Il-partijiet jaqblu illi din ghandha tigi assenjata lill-konvenut. Il-Perit Legali wasal ghall-konkluzjoni illi l-benefikati saru fiz-zwieg izda mhux a beneficcju tal-komunjoni. Mill-assjem tal-provi, din il-Qorti taqbel ma' tali konkluzjoni, in kwantu jirrizulta illi anke wara s-separazzjoni de facto, dan il-fond sar ir-residenza tal-konvenut wahdu.

Rigward il-kontenzjoni tal-attrici illi ghandha tittiehed in konsiderazzjoni il-possibilita` illi din il-propjeta` tigi sanzjonata u ghalhekk hi tkun intitolata ghal sehem ikbar, jinghad fl-ewwel lok illi l-Qorti ma tiddecidiex abbazi ta' ipotesi jew probabilita` futura. Jirrizulta li t-tentattivi sal-lum sabiex tigi sanzjonata l-binja fallew, u skont ir-rapport tal-Perit Tekniku, hemm *enforcement notice* fuq il-propjeta` sabiex din titwaqqa`. B'zieda ma' dan hemm il-fatt li dak li sar fiz-zwieg kienu benefikati fuq il-binja ezistenti, u l-attrici hija intitolati biss ghal sehemha minn dawn il-benefikati. Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi ghalhekk, l-izjed decizjoni gusta u ekwa hija dik esposta mill-Perit Legali u l-Qorti qeghdha ghalhekk tassenja l-imsemmi fond lill-konvenut, b'dan illi huwa ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta' €28,500 rapprezentanti sehemha mill-ispiza nkorsa, skont l-istima tal-Perit Tekniku (fol 1022).

**Dwar il-fond Pinky's Nail Studio**

Rigward il-pretensjonijiet tal-attrici fuq il-kirja percepita mill-imsemmi fond, kif ukoll dwar benefikati li allegatament saru minn flus komuni, din il-Qorti qeghdha tabbraccja u tadotta l-konkluzjonijiet tal-Perit Legali u l-Perit Tekniku rispettivament, b'dan illi l-attrici ma gabet ebda prova in rigward. Lanqas ma gabet prova sabiex tirribatti x-xhieda tal-attur illi l-kirja saret ghal sena wahda biss u ma regghetx giet imgedda. Hija stess tissottometti illi l-kirja bdiet lejn tmiem is-sena 2004, u ghalhekk meta l-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet kienet ghadha ezistenti. Fid-dawl ta' dan kollu, l-pretensjonijiet taghha ma jistghux jigu akkolti.

**Benefikati fuq il-fond 4, Triq il-Wardija, Burmarrad**

Jirrizulta inkontestat illi l-benefikati fuq dan il-fond parafernali tal-attur saru fiz-zwieg. F'dan ir-rigward il-Qorti qeghdha tadotta l-konkluzjonijiet raggunti mill-Perit Legali u l-Perit Tekniku in rigward u qed tiddeciedi li filwaqt illi l-benefikati in kwistjoni ghandhom jigu assenjati lill-konvenut, l-attrici hija intitolata ghas-somma ta' €300 rapprezentanti sehemha mill-istess benefikati skont l-istima tal-Perit Mario Cassar (fol 1023).

**Benefikati fid-dar 40, Triq Sant'Anglu, Zejtun**

Dan il-fond kien iservi ta' dar matrimonjali ghall-partijiet. Hemm qbil li dan il-fond jappartjeni lill-familjari tal-attrici, izda hija l-attrici li tghix fl-imsemmi post. L-attrici tikkontendi li kwalsiasi azzjoni li l-konvenut jista` jkollu ghall-irkupru ta' sehemu mill-benefikati li saru fil-fond waqt iz-zwieg ghandhom jigi indirizzati lis-sidien tal-fond u mhux lilha.

Jirrizulta pero` nkontestat li hija l-attrici li ghadha qed tgawdi l-imsemmija benefikati u ghalhekk il-pretensjoni tal-konvenut kontra taghha tirrizulta gustifikata. Il-Perit Tekniku jaghmel stima ta' dawn il-benefikati a fol 1025 u jasal ghal total ta' €14,715. Il-konvenut huwa ghalhekk intitolat ghall-hlas ta' €7357.50 rapprezentanti sehemu mill-istess benefikati.

**Ftehim mal-Marsovin**.

L-attrici tippretendi wkoll likwidazzjoni ta' somma flus rapprezentanti sehemha mid-dhul tal-konvenut derivanti mill-ftehim li huwa ghandu mal-Marsovin, kif ukoll somma raprezentanti sehemha mill-frott derivanti mill-ghelieqi li l-konvenut ghandha mqabbla ghandu. Din il-Qorti tadotta l-konkluzjoni tal-Perit Legali in rigward ossia illi l-attrici ma gabet ebda prova la rigward xi frott ingabar u wisq inqas dwar il-valur tieghu. Ghalhekk il-pretensjonijiet tal-attrici in rigward ma gewx sodisfacentement ippruvati u qed jigu respinti.

## MOBBLI

Kif tajjeb issolleva l-Perit Legali, ma ngab ebda elenku jew stima recenti u kompleta tal-mobbli u l-ghamara appartenenti lill-komunjoni. Din il-Qorti hija tal-fehma li dawn ghandhom jigi divizi b'mod ugwali bejn il-partijiet. Jekk ma jaqblux dwar kif ghandhom jigu divizi l-mobbli, il-partijiet ghandhom jitolbu in-nomina ta' stimatur sabiex jaghti valur il-mobbli rimanenti, jigu divizi f'zewg porzjonijiet kemm jista' jkun indaqs, u l-assenjazzjoni taghhom ssir permezz ta' polza.

## KONTIJIET BANKARJI U INVESTIMENTI

Il-kontenzjoni principali tirrigwarda s-somma ta' Lm50,000 rapprezentanti parti mir-rikavat tal-bejgh tal-propjeta` tal-komunjoni u cioe' l-fond 13, Wardija Road, San Pawl il-Bahar li l-partijiet kienu bieghu ghall-prezz ta' Lm60,000. Jirrizulta illi Lm50,000 minn dan ir-rikavat gie investit fi stocks tal-Gvern, in kwantu ghal Lm25,000 fuq isem il-konvenut u Lm25,000 fuq isem l-attrici. Il-konvenut jixhed illi mill-€25,000 tieghu, huwa llikwida l-ammont ta' €14,000 sabiex xtara vettura BMW u l-€11,000 rimanenti baqghu investiti. Da parti taghha l-attrici tixhed illi l-€25,000 li kienu fuq isimha llikwidathom sabiex tuzahom ghall-manteniment taghha u ta' binha.

Minn Dok ECM1 u Dok SC2 a fol 614 u 616 rispettivament jirrizulta illi l-€25,000 gew zbankati mill-attrici parti f' April u parti f'Mejju 2006, meta l-partijiet kienu ga separati de facto[2] u allura zgur li tali flus ma ntuzawx ghall-beneficcju tal-komunjoni. Min-naha l-ohra l-€14,000 gew zbankati mill-konvenut fis-sena 2001 meta l-konvivenza matrimonjali kienet ghadha ghaddejja, u ghal skop preciz, ossia ghax-xiri tal-vettura BMW li ghadha tifforma parti mill-assi li jridu jigi divizi bejn il-partijiet.

Huwa minnu wkoll dak li gie sottomess mill-Perit Legali illi l-attrici ma gabet ebda prova li dan l-ammont sostanzjali gie tassew uzat ghall-manteniment taghha u ta' iben il-partijiet, izda fuq kollox kif ga gie deciz minn din il-Qorti taht il-kap intestat 'Manteniment' jirrizulta ppruvat illi iben il-partijiet sa minn meta gew intavolati l-proceduri kellu impjieg full-time u ghalhekk ma kienx jissussisti l-obbligu tal-manteniment lejh.

Il-Qorti qed tiddeciedi ghalhekk illi l-investimenti in kwistjoni kienu jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti u kull parti hadet taht il-kontroll esklussiv taghha is-sehem li gie investit fuq isem il-parti. Il-Qorti mhiex taccetta d-dikjarazzjoni tal-

2 Fir-rikors guramentat taghha l-attrici tippremetti illi l-partijiet sseparaw de facto f'Jannar 2006.

attrici illi hija nefqet Lm25,000 ghall-manteniment taghha u ta' binha stante li sew hi kif ukoll binha kellhom fiz-zmien rilevanti impieg full-time. Il-Qorti hi tal-fehma li l-attrici kienet ekonomika mal-verita' f'dan ir-rigward. Stante li ma rrizultax li l-attrici uzat id-dhul mill-bejgh tal-investiment ta' Lm25,000 ghall-gid tal-komunjoni, il-Qorti qed tikkonsidra illi fir-rigward hadd mill-partijiet ma ghandu jhallas lill-parti l-ohra b'dan illi l-vettura BMW FBN 358 li inxtrat mill-konvenut u l-investiment fl-ekwivalenti ta' Lm11,000 000 (Dok SC 2 a fol 616) f'isem il-konvenut ghandhom jigu assenjati lilu. F'dan ir-rigward il-Qorti qed tiddipartixxi mill-konkluzzjoni relattiva tal-abbli perit legali.

Kwalsiasi investimenti jew kontijiet bankarji ohra fuq isem wahda mill-partijiet ghandhom jigu assenjati lil dik il-parti li f'ismju jew f'isimha jkunu tali kontijiet jew investimenti.

**<u>VETTURI</u>**

Jirrizulta qbil bejn il-partijiet, kif ikkonfermat fir-rapport tal-Perit Legali, illi l-partijiet ghandhom is-segwenti vetturi: BMW 316 (FBN-358); TOYOTA VITZ HBA 626; HONDA CBR 1100 (ABI 273); YANMAR 2310DT (ABN312); Mutur HONDA IBE 386 u QUAD BIKE (LCB 269).

Fir-rigward tal-vettura BMW 316 (FBN-358) il-Qorti gia' iddeliberat u ddecidiet supra. Dwar il-mutur Honda IBE 386 u l-quad bike LCB 269, il-Perit Legali jikkonkludi illi kien jispetta lill-konvenut jipprova illi tali vetturi ma jappartjenux lill-komunjoni, izda tieghu baqghet biss allegazzjoni in kwantu ma gietx sostnuta bi provi. Din il-Qorti, anke b'referenza ghar-raba` domanda tal-konvenut in eskussjoni tal-Perit Legali, tinnota illi l-konvenut ma jaghmel referenza ghal ebda prova li huwa ressaq in sostenn tal-pretensjoni tieghu illi tali vetturi huma parafernali tieghu. *Affirmati non neganti incumbit probatio* – u ghalhekk in mankanza ta' prova kuntrarja, dawn il-vetturi qed jigu kkunsidrati bhala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

L-attrici tissottometti illi t-Toyota Vitz HBA 626 ghandha tigi assenjata lilha. Una volta tali vettura tappartjeni l-komunjoni tal-akkwisti u ma ngabitx stima taghha, il-Qorti tordna illi tali vettura ghandha tigi stmata u l-attrici ghandha thallas lill-konvenut nofs il-valur tal-istima.

Il-vetturi kollha fuq imsemmija, hlief il-BMW 316 (FBN-358) u t-Toyota Vitz nru HBA-626 ghandhom jinbieghu fis-suq miftuh u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet b'mod ugwali.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza u l-kontro talba billi prevja li tilqa' u tichad l-eccezzjonijiet sollevati konformement ma' dak hawn deciz;

1. Tilqa' parzjalment l-ewwel talba attrci kif konvertita' u tilqa' parzjalment l-ewwel talba rikonvenzjonali, tiddikjara li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser tort taz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom; u tippronunzja d-divorzju ta' bejn il-partijiet.

2. Tichad it-tieni talba attrici u tichad it-tieni talba rikonvenzjonali ghar-ragunijiet moghtija supra taht l-intestatura 'Manteniment';

3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tilqa' r-raba talba rikonvenzjonali u tapplika kontra z-zewg partijiet is-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Tilqa' r-raba' talba attrici u tilqa' t-tielet u r-raba' talba rikonvenzjonali u tillikwida u tiddividi l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti gja xjolta skont dak stabbilit u ordnat taht l-intestatura 'Komunjoni tal-Akkwisti';

5. Tilqa' l-hames talba attrici u tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha "Lungaro";

6. Tinnomina lin-Nutar Dottor Nicholas Briffa sabiex zmien tlett xhur millum jippubblika l-att pubbliku relattiv in ottemperanza ma' dawk hawn deciz u tinnomina lill-Avukat Dottor Anna Mallia bhala kuratrici ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet b'dan li l-ispejjez tal-perit legali, tal-perit tekniku, l-ispejjez u drittijiet konnessi mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt pubbliku imsemmi, u d-drittijiet tan-Nutar Pubbliku u tal-Kuratur ghall-eventwali kontumaci huma a kariku taz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom.

**Imhallef** **Deputat Registratur**